**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 692/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**-Vs-**

**TERENCE DENNIS MCKENNA**
(I.D. 49065A)

**Illum, 22 ta' April 2021**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta' **TERENCE DENNIS MCKENNA** detentur tal-karta tal-identita numru: 49065(A), akkuzat:-

Illi nhar it-22 ta' April 2018 ghal habta ta' 00:05 ta' filghodu, fi Triq il-Marfa l-Mellieha, waqt li kien qieghed isuq vettura tal-ghamla Peugeot 207 bin-numru tar-registrazzjoni CBZ-801, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew fil-professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti kkaguna il-mewt ta' Carmelo Tornabene bi ksur tal-Artikolu 225 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi imsemmi qabel saq vettura tal-ghamla Peugeot 207 bin-numru tar-registrazzjoni CBZ-801 b'nuqqas ta' kont, bi

traskuragni jew b'mod perikoluz u dan bi ksur tal-Artiklu 15 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Akkuzat ukoll talli fl-istess data lok hin u cirkustanzi imsemmi qabel ikkommetta hsara involontarja fuq vettura tal-ghamla Fiat Cinquecento bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-302 ghad dannu ta' Carmelo Tornabene bi ksur tal-Artiklu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundana lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artiklu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba biex f'kaz ta' htija tiskwalifika kull licenzja tas-sewqan ta' Terrence Dennis Mc Kenna ghal perjodu ta' zmien li hija jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-11 ta' Dicembru, 2019[1] tal-Avukat Generali li permezz taghha ta l-kunsens tieghu sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja.

Rat illi fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2019 l-Ufficjal Prosekutur qara u halef l-akkuzi bil-gurament, u sar l-ezami tal-imputat li wiegeb li mhux hati;

Rat illi permezz ta' digriet moghti fl-20 ta' Jannar 2020, laqghet it-talba ta' Felica Tornabene, Blondino Calogera, Tereza Tornabene u Noemi Maria Russo, sabiex jigu ammessi bhala parti leza f'dawn il-proceduri;

Semghet ix-xhieda u rat il-provi u d-dokumenti kollha, fosthom il-*proces-verbal* redatt mill-Magistrat Inkwirenti b'rabta mal-incident in dizamina[2];

Rat l-atti kollha.

---

[1] Fol 7A (Dok GS1).
[2] Dok. GA a fol. 20A.

Semghet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet kollha waqt l-udjenza tal-4 ta' Marzu 2021;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi mill-fatti li johorgu mill-atti tal-kawza jirrizulta li fit-22 ta' April 2018 ghall-habta ta' 00:15h sehh incident stradali bejn zewg vetturi li kienu qeghdin jinstaqu f'direzzjonijiet opposti gewwa Triq il-Marfa, Mellieha, biswit il-bajja tal-Ghadira. It-triq in dizamina ghandha zewg karreggjati fuq kull naha ta' *central strip* u dak il-hin, id-dwal tat-triq kienu mixghula, il-vizibilita` kienet wahda tajba u t-triq kienet xotta[3]. L-imputat Terrence Dennis McKenna kien qed isuq il-vettura tal-ghamla Peugeot 207 bin-numru ta' registrazzjoni CBZ-801, licenzjata f'isem Natasha Grima, fid-direzzjoni tac-Cirkewwa, filwaqt illi l-vettura Fiat Seicento bin-numru ta' registrazzjoni GAQ-302 kienet misjuqa minn Carmelo Tornabene li kien gej mid-direzzjoni tac-Cirkewwa sejjer lejn il-Mellieha. Iz-zewg sewwieqa kienu wahedhom fil-vetturi rispettivi taghhom fil-hin tal-incident.

Meta wasal biex jimmanuvra l-kurvatura li hemm fit-triq qabel tibda t-telgha[4], l-imputat, ghal xi raguni, tilef il-kontroll tal-vettura li kien qed isuq. Jirrizulta li din il-vettura qabzet is-*central strip* fin-nofs tat-triq u baqghet diehla fil-karreggjata tat-traffiku gej mid-direzzjoni opposta fejn dak il-hin, kienet ghaddejja l-vettura misjuqa minn Carmelo Tornabene u sar l-impatt. B'rizultat tal-impatt, li kien wiehed b'sahhtu u *head-on*, lemin ma' lemin, iz-zewg vetturi daru 180 gradi kontra d-direzzjoni li kienu qed jigu misjuqa qabel u soffrew hsarat estensivi[5]. Filwaqt li l-imputat spicca

---

[3] Ara rapport Perit Richard Aquilina – Dok. RA fil-*proces-verbal*.

[4] Din il-liwja tidher fir-ritratti esebiti mill-imputat stess kif ukoll fil-pjanta mhejjija mill-Perit Richard Aquilina.

[5] Ara rapport Perit Richard Aquilina, *supra* u rapport Dr. Mario Buttigieg – Dok. MB fil-*proces-verbal*.

barra mill-vettura tieghu ghal tulu fit-triq u soffra griehi hfief[6], Carmelo Tornabene spicca maqbud got-tifrik tal-vettura tieghu, kien mitluf minn sensih kif ukoll kien fil-perikolu tal-mewt. Hu miet fit-28 ta' April 2018 fit-15:48h meta gie certifikat li l-pazzjent kien *brain dead*[7].

Il-patologisti li wettqu l-awtopsja fuq il-kadavru ta' Carmelo Tornabene ikkonkludew illi "*the cause of death of this young male is certified as being due to multiple injuries following a motor car accident.*"[8] Dawn il-griehi gew certifikati mill-espert mediko-legali wkoll mahtur mill-Magistrat inkwirenti, bhala kkagunati b'rizultat ta' "*blunt trauma vjolenti li wasslet direttament ghall-mewt tal-imsemmi Carmelo Tornabene"*[9].

Kif sewwa osservat id-difiza waqt it-trattazzjoni finali, ma kien hemm l-ebda xhud okulari tal-incident awtomobilistiku hlief ghall-imputat innifsu. Kif diga` nghad, iz-zewg sewwieqa kienu wahedhom fil-vetturi rispettivi taghhom u l-habta sehhet tard bil-lejl.

Ikkunsidrat;

Il-verzjoni tal-imputat, li ghazel li jaghti x-xhieda tieghu quddiem il-Qorti[10], hi li t-*tyre* tal-vettura tieghu splodiet hekk kif kien ser jaqbad il-kisra biex jibda tiela' t-telgha fid-direzzjoni tal-Armier. Qal li huwa familjari mat-triq fejn sehh l-incident ghaliex kien ilu hames snin jghaddi minnha kuljum, bhalma huwa familjari wkoll mal-hoss ta' *tyre* jinfaqa' ghaliex jahdem bhala xufier tat-trakkijiet u ilu f'dan ix-xoghol diversi snin. L-imputat xehed illi dak il-hin huwa kien sejjer lura d-dar wara li telaq mid-dar ta' ommu gewwa x-Xemxija u kien ghaddej b'velocita ta' 60 kilometru fis-siegha fuq in-naha tas-*central strip*. Kif sema' l-hoss tat-*tyre* jisplodi huwa pprova jigbed il-vettura lejn ix-xellug izda baqghet sejra ghad-dritt u laqtet is-*central strip*.

---

[6] Rapport Dr. Mario Scerri – Dok. MS fil-*proces-verbal*.
[7] Ara xhieda ta' Dr. Anne Marie Camilleri Podesta – 2 ta' Marzu 2020.
[8] Dok. MTS, fol 37 sa 40 tal-*proces-verbal*.
[9] Dok. MS, *supra*.
[10] Seduta tal-11 ta' Frar 2021.

L-imputat jaddebita l-ispluzjoni tat-*tyre* tal-vettura lill-ixquq u r-ramel li kien hemm fit-triq u li jidhru fir-ritratti Dok. TDM1, TDM2 u TDM3[11].

Ikkunsidrat;

Il-Qorti tibda biex tosserva illi m'huwiex kontestat mid-difiza illi effettivament, Carmelo Tornabene miet b'konsegwenza tal-habta bejn iz-zewg vetturi – konkluzjoni del resto raggunta mill-esperti patologisti u medikolegali mahturin fl-istadju tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta. Id-difiza, izda, tikkontendi illi ma ngabitx prova li turi illi l-mewt ta' Tornabene giet ikkagunata minhabba sewqan negligenti tal-imputat jew ghal xi wahda mir-ragunijiet l-ohrajn imsemmija fl-Artikolu 225 tal-Kap. 9 u ma ntweriex lanqas li dan l-event dannuz kien wiehed prevedibbli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Mizmum dan ferm, dak li trid tistabbilixxi l-Qorti huwa jekk il-habta li kkagunat il-mewt ta' Carmelo Tornabene kienet b'xi mod dovut ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fl-Artikolu 225(1) tal-Kodici Kriminali bhala l-elementi kostituttivi tar-reat ta' omicidju involontarju li l-imputat qed jigi addebitat fl-ewwel imputazzjoni:-

"*225. (1) Kull min, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris ta' regolamenti, jikkaġuna l-mewt ta' xi ħadd, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn erba' snin jew multa mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta u erbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (11,646.87).*

Ghalkemm kif stabbilit, Carmelo Tornabene miet b'rizultat tal-impatt mal-vettura misjuqa mill-imputat, sabiex tigi ravvizata htija fl-imputat ghal dan ir-reat ta' omicidju involontarju, il-Qorti trid tiddetermina jekk l-elementi kostituttivi tar-reat gewx kollha ippruvati sal-grad li tehtieg il-ligi fil-kamp kriminali, cioe` lil hinn minn kull dubju

[11] Fol. 81 *et seq*.

ragjonevoli. Dawn l-element huma essenzjalment tlieta u cioe`:- (1) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti; (2) kkaguna l-mewt; (3) ta' persuna.

Kif gia` nghad, mhux kontestat illi f'dan il-kaz, giet ikkagunata l-mewt ta' persuna b'rizultat tal-kollizzjoni, izda l-Prosekuzzjoni trid tipprova illi l-kollizzjoni sehhet ghaliex imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Imbaghad, jekk jigi stabbilit li l-kondotta tal-imputat f'dan il-kaz kien wiehed kolpuz b'mod li jammonta ghal *criminal misconduct*, jinkombi wkoll fuq il-Prosekuzzjoni li tipprova lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, in-ness kawzali bejn il-mewt tal-vittma u dan in-nuqqas tal-imputat, b'mod illi dan in-nuqqas jitqies li kien il-kawza immedjata u prossima tal-mewt ta' Carmelo Tornabene.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti riteniet illi:-

*Kif jispjega l-gurista taljan Francesco Antolisei, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa wiehed irid izomm f'mohhu li* ***fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita' diretta ghal xi fini partikolari tista' taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi.*** *L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika -- cioe' l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari -- tghallem li* ***f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati****.*

*"Sorgono per tal modo," ikompli dan l-awtur, "delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi socjali, come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu' o meno pericolose, in modo da prevenire, per*

*quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi ... Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato:* ***tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi' formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo****, perche' nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo' muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che* ***l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi*** *(Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp. 322- 323).*

*Din il-Qorti taqbel perfettament ma' din l-esposizjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem "nuqqas ta' hsieb", "traskuragni", u "nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni", fil-waqt li dawk ir-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem "nuqqas ta' tharis ta' regolamenti". ... Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke fil-kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, traskuragni jew imperizja.* ***In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita' ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza, il-ghaliex huwa certament imprudenti jew negligenti mhux biss min jittraskura li jiehu dawk il-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarja tal-hajja, izda wkoll min jitraskura li josserva dawk il-prekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita'****.*

*….*

*Jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha,* ***l-imprudenza, li hi negazzjoni ta' din il-virtu, tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li messu preveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika certu non-kuranza, certu abbandun kemm intellettiv kif ukoll***

***materjali**. Fiz-zewg kazijiet pero, il-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet ukoll prevista wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina ta'l-intenzjoni pozittiva indiretta."* [emfasi ta' din il-Qorti]

Kif inghad ukoll fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998:-

*"Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "... il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."* [Carrara F., "*Programma Del Corso Di Diritto Criminale*", Vol. I (Parte Generale), p. 88]

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk:*

*"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

Ikkunsidrat;

Kif rajna, l-imputat xehed illi huwa kien ghaddej b'velocita` ta' sittin kilometru fis-siegha u li huwa tilef il-kontroll tal-vettura tieghu ghaliex hekk kif beda jimmanuvra l-kurvatura fit-triq, splodietlu t-*tyre* tal-vettura tieghu, bil-konsegwenza li qasam is-*central strip* u habat fil-vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta fuq in-naha l-ohra tat-triq. Izda qabel tigi biex tikkunsidra l-validita` tal-verzjoni tal-imputat u jekk din gietx ippruvata sal-grad tal-probabbli, li huwa l-grad tal-prova li l-imputat jehtieg li jissodisfa biex jeghleb il-prova tal-htija tieghu, il-Qorti trid fl-ewwel lok tara li l-Prosekuzzjoni irnexxilhiex tressaq provi bizzejjed biex tikkonvinciha moralment u lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, li l-imputat agixxa b'kondotta kolpuza tax-xorta mfisser fl-insenjament appena riprodotta.

Il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova li l-imputat agixxa b'kondotta li twassal ghal htija ghar-reat in dizamina. Il-prova ewlenija li tikkonvinci lill-Qorti li effettivament l-imputat kien negligenti fis-sewqan tieghu ghall-finijiet ta' htija ghar-reat mahsub fl-Artikolu 225(1) tal-Kap. 9, tinsab fir-rapport kif ukoll fix-xhieda in kontro-ezami tal-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg li - wara li huwa ezamina l-evidenza li thalliet fuq il-post kif ukoll il-hsarat fiz-zewg vetturi - wasal ghall-konkluzjoni illi l-imputat kien qed isuq fi Triq il-Marfa **b'velocita b'sahhitha** fuq il-karregjata tan-naha tal-lemin meta f'daqqa u l-hin hu **ma setax jibqa' jikkontrolla l-vettura** b'konsegwenza li din qassmet is-*central strip*, sabet il-vettura GAC-302 misjuqa minn Carmelo Tornabene, li dak il-hin kienet gejja mid-direzzjoni opposta, u habtet *head-on* f'din il-vettura:-

*"Illi McKenna kompla jdur mal-liwja bil-vettura li kien qed isuq baqghet diehla fuq is-centre strip. Dan seta' jigi stabbilit mill-marki ta' tyres li nstabu f'wicc it-triq kemm fuq il-karregjata tan-naha tal-lemin u anki tax-xellug.*

…

***Id-daqqa mal-Peugeot kienet tant qawwija l-istess Fiat imxiet laterali u lura. Hekk kif kienet mixja lura l-vettura ta' Tornabene daret disghin (90) grad, waqt li l-Peugeot baqghet ghaddejja imxiet ghal distanza ta' tmintax punt tlieta wiehed***

***sebgha (18.317m) metri u waqt li kien ghaddejja l-istess vettura daret.”*** [emfasi tal-Qorti]

L-istess espert stabbilixxa li ghalkemm l-i*spot of impact* kienet fuq in-naha tal-lemin tal-karreggjata vicin is-*central strip*, fin-naha tat-triq fejn kienet qed tinstaq il-vettura ta’ Carmelo Tornabene, il-vettura tal-imputat baqghet titkaxkar it-tul fuq imsemmi ta’ 18.317 metri, kif ukoll daret biex spiccat thares fid-direzzjoni tal-Mellieha u dan kollu minghajr ma halliet l-ebda sinjal ta’ brake.

Il-Qorti hadet qies ukoll tad-depozizzjoni tal-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg in kontro-ezami mid-difiza fejn xehed[12] illi **l-impatt bejn iz-zewg vetturi kien qawwi izda l-forza tal-vettura misjuqa mill-imputat kienet ferm ikbar minn dik tal-Fiat, ghax bid-daqqa il-Fiat imxiet lura**[13]. Inoltre, ghalkemm l-espert afferma illi mill-investigazzjoni li wettaq instab illi effettivament it-*tyre* tar-rota tan-naha tax-xufier tal-vettura CBZ-801 kien mifqugh u r-rim milqut, huwa **eskluda kategorikament it-tezi li dan it-*tyre* infaqa’ qabel il-kollizzjoni u li l-imputat seta’ tilef il-kontroll tal-vettura tieghu <u>minhabba</u> li dan it-*tyre* kien sploda**. Mill-ispezzjoni li kkonduca fuq il-vettura tal-imputat, l-espert eskluda wkoll specifikatament li t-*tyre* seta’ sploda ghaliex ma kienx f’kundizzjoni tajba jew ghaliex kien *under-inflated*, jew ghaliex il-vettura kienet *over-loaded* u effettivament, huwa kkonferma li t-*tyre*s kollha kienu fi stat tajjeb.

Imbaghad, mistoqsi mid-difiza ghaliex fir-rapport tieghu l-espert ma ghamel ebda referenza ghall-possibilita` li l-ispluzjoni tat-*tyre* seta’ kkontribwixxa ghat-telf ta’ kontroll tal-vettura tal-imputat u kwindi ghall-kollizzjoni, huwa wiegeb:-

---

[12] Xhieda tal-11 ta’ Frar 2021.

[13] Il-Qorti zzid illi dan hu evidenti wkoll minhabba l-fatt illi l-vettura tal-imputat, kif gia` stabbilit, baqghet titkaxkar tul ta’ iktar minn 18-il metru wara l-impatt, qabel strahet.

« ***Ghax fil-fatt ma kienx hemm spluzjoni fit-tyre. Veru kien hemm ticrita fit-tyre meta t-tyre habat mas-center strip, pero spluzjoni ma kienx hemm.*** »[14]

Kemm hu hekk, l-espert ikkonferma illi l-hsarat li huwa rriskontra fil-vettura, inkluz il-hsara fit-*tyre* indikat mill-imputat, kollha gew ikkagunati **wara l-impatt u mhux qabel**.

Rigward l-i*stration marks* li thallew mill-vettura tal-imputat fit-triq, filwaqt li l-istess espert, Dr. Mario Buttigieg, afferma illi dawn juru li s-sewwieq kien qed jipprova jirregola l-i*steering* izda l-vettura m'obditux u baqghet ghaddejja ghal rasha, huwa kompla fisser li dawn il-marki juru li l-imputat:-

« … ***bazikament tant kien ghaddej bi speed gholi li hu meta sab il-liwja ma setax ikompli jdur mal-liwja, allura l-karozza mbaghad bdiet miexja fuq il-genb diagonali,*** *ghalhekk saru dawk is-sinjali li jghidulhom stration marks. ... Hija li meta l-karozza miexja la gemba u qed taghti d-daqqiet ma' wicc it-triq sakemm issib dik ix-xi haga li tibqa' ghaddejja. Imbaghad sabet il-karozza tas-sinjur li kien gej fid-direzzjoni l-kontra.*

…

*Kieku tyre infaqa' l-ewwel ma jkollok ir-rim, ghandek l-ispuzjoni ta' meta t-tyre jinfaqa ... Kif ghandek it-tyre qed jisplodi, t-tyre kwazi ha jiddesintegra. Ghandek ir-rim. Mela allura issa il-karozza qed timxi fuq ir-rim.* ***Hemmhekk ha jkollok brix u mhux stration marks li ghadni kemm semmejt.*** *"* [emfasi tal-Qorti]

Fuq kollox, jirrizulta li l-espert tekniku kkonkluda illi l-kawza tal-incident kienet il-**velocita` eccessiva li biha kien qed isuq l-imputat meta gie biex jimmanuvra l-liwja fit-triq u li kienet proprju din il-velocita` esagerata li wasslet lill-imputat jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu fil-liwja**, bir-rizultat li baqa' sejjer fuq in-naha l-ohra tat-triq.

[14] Emfasi tal-Qorti.

**Il-Qorti tosserva illi din il-konkluzjoni esperta hija f'kull kaz konfortata minn cirkostanzi oggettivament riskontrabbli, fosthom il-fatt illi l-vettura tal-imputat halliet *stration marks* fit-triq[15] kif ukoll il-fatt li wara li qabzet is-*central strip,* qacctet barra l-arbuxelli u harget fuq in-naha l-ohra tat-triq, il-vettura xorta wahda baqghet miexja b'tant qawwa li rnexxielha ddawwar b'90 grad il-vettura misjuqa minn Carmelo Tornabene - <u>li effettivament miet bhala rizultat dirett tal-blunt trauma vjolenti li garrab</u> - u baqghet titkaxkar ghal iktar minn 18-il metru qabel waqfet. Il-qawwa tal-velocita` tal-imputat u kwindi tal-kollizzjoni jirrizulta wkoll *res ipsa loquitur* minn diversi fatturi ohrajn, fosthom il-hsarat estensivi li garrbu z-zewg vetturi liema hsarat jidhru sew fir-ritratti formanti parti mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri u gew ikkostatati ulterjorment minn esperti ohrajn mahturin fl-Inkjesta Magisterjali[16], kif ukoll il-fatt li bil-forza tal-impatt, l-imputat innifsu spicca barra mill-vettura tieghu ghal tulu mal-art, filwaqt li Carmelo Tornabene inqabad fit-tifrik tal-vettura tieghu, intilef minn senih u sussegwentement, miet.**

Ghalkemm hu minnu, kif tajjeb osservat id-difiza, li ma sar ebda kalkolu tal-velocita`, lanqas approssimattivament, li biha l-imputat kien qed isuq immedjatament qabel l-impatt, il-Qorti wara li qieset il-fatturi u cikostanzi kollha fuq indikati kif ukoll il-konkluzjonijiet tal-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg – liema konkluzjonijiet ma gewx sufficjentement ikkuntrastati – hija moralment konvinta li l-imputat kien qed isuq **b'velocita` mhux biss imprudenti izda ferm u ferm oghla minn dik permessibbli ghat-triq in dizamina u kien proprju din il-velocita` li wasslet ghat-telf tal-kontroll tal-vettura, il-kollizzjoni mal-vettura ta' Tornabene u l-konsegwenti mewt tieghu**. **Fil-fehma tal-Qorti, sewqan prudenti u galbat ma jwassalx ghall-konsegwenzi estremi u fatali bhal dawk riskontrati fil-kaz in**

[15] Ara l-implikazzjoni ta' *stration marks* kif imfisser mill-espert Dr. Mario Buttigieg fir-rapport kif ukoll fix-xhieda tieghu.

[16] Iz-zewg vetturi gew dikjarati li spiccaw f'qagha li hija *beyond economical repair* – Dok. MB, rapport tal-espert Dr. Mario Buttigieg.

**dizamina, apparti li mkien ma gie allegat in difesa illi kien hemm element ta' negligenza kontributorja da parti ta' Carmelo Tornabene.**

Ghall-Qorti, huwa ppruvat sodisfacjentement, anke fin-nuqqas ta' kalkolu specifiku tal-velocita`[17] li biha kien ghaddej l-imputat, li din il-velocita` kienet wisq eccessiva *multo magis* ghall-immanuvrar ta' kurvaturi fit-triq, tant illi l-imputat meta gie biex jaqbad il-liwja partikolari, ma rnexxilux jikkontrolla iktar il-vettura tieghu bil-konsegwenza li, minkejja li pprova jigbed l-i*steering* lejn ix-xellug, il-vettura baqghet sejra ghad-dritt.

Gie ritenut in materja illi:-

"*Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat.*"[18]

X'jikkostitwixxi imbaghad, perikolu fis-sewqan jew sewqan bla kont, huwa wkoll ben stabbilit fis-sistema guridika taghna. Fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** tas-6 ta' Mejju 1997[19] , intqal hekk:-

"*Sewqan bla kont hu deskritt ... bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz*

[17] L-espert Dr. Mario Buttigieg xehed illi fic-cirkostanzi huwa difficli li tigi stabbilita l-velocita` tal-vettura misjuqa mill-imputat fil-mument tal-habta.
[18] **Il-Pulizija vs. Michael Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Frar 2007.
[19] 13 Vol. LXXXI.iv.157.

*(dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]* »

Ikkunsidrat ;

Illi l-applikazzjoni ta' dawn il-principji ghall-kaz in ezami twassal ghall-konkluzjoni li l-imputat mhux biss saq b'mod imprudenti izda wkoll bi traskuragni kbira ghaliex l-istess imputat, ragel li dak iz-zmien kellu sitta u tletin sena[20] u xufier tat-trakkijiet, zgur kellu dik l-esperjenza – lil hinn mill-esperjenza komuni - li tghallem li f'cirkostanzi tat-triq in kwistjoni kellu jiehu certu prekawzjonijiet fis-sewqan tieghu. Ghall-Qorti hu ovvju li l-imputat seta' jipprevedi l-possibilita` jekk mhux probabbilita` tal-konsegwenzi ta' sewqan eccessiv fi Triq il-Marfa li, bhala triq ta' mal-kosta u triq li kien familjari maghha, hi mimlija kurvaturi. F'kull kaz, sewwieq prudenti ghandu jkun konxju tal-perikolu li jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu jekk ma jirregolax is-sewqan tieghu skont l-ambjenti tat-triq u jekk jimmanuvra kurvaturi fit-triq b'velocita` eccessiva.

**Dan qed jinghad ukoll ghaliex bhala triq principali biswit l-iktar bajja popolari f'Malta li fiha numru ta' stabbilimenti tal-ikel u kwindi diversi postijiet ta' qsim ghall-pedoni u *roundabouts*, l-imputat kellu wkoll jipprevedi riskju jew perikolu ta' hsara minhabba sewqan eccessiv galadarba meta skont l-imputat innifsu it-triq kienet mimlija dizlivelli u xquq u *multo magis* fil-*weekend* meta huwa ragjonevolment mistenni li jkun ghad hemm vetturi u persuni fit-triq minhabba li n-nies jibqghu barra sa hinijiet iktar fit-tard[21] u minhabba wkoll il-fatt illi t-triq in kwistjoni tipprovdi l-unika rotta lejn u mill-vapur ta' Ghawdex**.

---

[20] Kellu dik l-eta` fil-gurnata tal-incident – ara rapport Dok. MS fil-*proces-verbal*.

[21] L-incident sehh fil-lejl bejn is-Sibt u l-Hadd.

Madanakollu, jirrizulta li l-imputat, ghad li ma jirrizultax li ppreveda l-konsegwenzi specifici tas-sewqan esagerat u eccessiv tieghu jew l-event dannuz per se, ghaliex kieku jsib ruhu fil-kamp tad-dolo, evidentement ghazel li jabbanduna l-prudenza u diligenza fis-sewqan biex isuq b'velocita` gholja hafna minkejja li kien qed javvicina liwja evidenti fit-triq u minkejja li t-triq kienet mimlija xquq u ramel, liema velocita` kienet fl-ahjar ipotesi ghalih, ferm iktar minn dik permessibbli fit-triq[22] . M'hemmx dubju li velocita` tista' tkun eccessiva anke jekk ma tiskorriex il-limiti regolamentari ghal dik il-lokalita` izda jiskorri dawk dedatti mill-prudenza u mill-fatturi ambjentali tal-mument[23] u fil-kaz in dizamina, il-Qorti hija moralment konvinta li kien sewwa sew dan l-ispeed ghal kollox eccessiv li wassal biex l-imputat jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u jispicca habat *head-on* fil-vettura ta' Carmelo Tornabene li sfortunament, kien ghaddej fuq in-naha l-ohra tat-triq proprju f'dak il-mument.

Il-Qorti tqis ukoll li l-event dannuz konsistenti fil-kollizzjoni f'vettura ohra, seta' facilment jigi evitat mill-imputat f'dan il-kaz bl-applikazzjoni ta' prudenza fis-sewqan tieghu u b'sewqan f'velocita` ragjonevoli ghac-cirkostanzi u l-ambjenti tat-triq in dizamina ghaliex indubbjament, kieku l-imputat kien qed isuq bil-galbu u bi prudenza, ha l-prekawzjonijiet mehtiega u naqqas l-ispeed tieghu tempestivament skont kif mehtieg fic-cirkostanzi, ma kienx jitlef il-kontroll tal-vettura tieghu u jibqa' jispara ghad-dritt ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq b'konsegwenzi fatali ghal haddiehor. Il-korollarju ta' dan hu li kellu jkun altru minn prevedibbli ghall-imputat u ghal kull min isuq b'dik il-velocita` fi triq bhal dik in dizamina, il-konsegwenza ta' telf tal-kontroll tal-vettura u event dannuz bhal dak li effettivament sehh fil-kaz in dizamina, cioe` kollizzjoni qawwija ma' utent iehor tat-triq u l-konsegwenzi tragici ta' kollizzjoni ta' dak il-kalibru.

F'dan l-agir tigi ravvizata proprju n-negligenza u traskuragni li jipprospetta l-legislatur fir-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9. Inoltre, il-Qorti ma ghandha l-ebda dubju

[22] Il-velocita` massima permessibbli fi triq li tinsab f'zona abitata, inkluz ghalhekk fil-fehma tal-Qorti, f'zona turistika frekwentata b'diversi stabbilimenti kif ukoll lukandi, hija ta' 50 kilometri fis-siegha – ara wkoll Art. 272 tal-Highway Code.

[23] **Il-Pulizija vs Haden Vella** - Appell Kriminali deciz 12.07.2007.

kwalsiasi illi l-kawza prossima u unika ta' din il-kollizzjoni kienet il-kondotta negligenti u traskurat tal-imputat, u illi b'hekk huwa ppruvat in-ness kawzali bejn il-mewt tal-vittma (li, kif diga` stabbilit, giet ikkawzata mill-impatt tal-kollizzjoni) u din il-kondotta tal-imputat.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghad-difiza tal-imputat tal-kaz fortuwitu, fejn huwa jsostni li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba illi t-*tyre* tal-vettura tieghu splodiet bl-effett tar-ramel u dizlivelli fit-triq in dizamina, il-Qorti tosserva illi din l-ipotesi giet eskluza b'mod definittiv mill-espert tekniku Dr. Mario Buttigieg. Kif diga` gie stabbilit, l-espert, fix-xhieda tieghu, spjega illi t-*tyre* nfaqa' b'rizultat u minhabba l-impatt u eskluda katergorikament li l-imputat seta' tilef il-kontroll tal-vettura tieghu minhabba spluzjoni tat-*tyre*. B'zieda ma' dan, il-Qorti tosserva li l-imputat ma ressaq l-ebda prova li tikkonvinci li effettivament, it-*tyre* tal-vettura li kien qed isuq infaqghet *qabel* il-kollizzjoni u li kien proprju minhabba din l-ispluzjoni li huwa tilef il-kontroll tal-vettura ; wisq anqas ressaq xi prova li din it-*tyre* infaqghet minhabba l-kundizzjoni hazina tat-triq jew ir-ramel fit-triq. Ir-ritratti li esebixxa l-imputat[24], filwaqt li hu minnu li juru diversi dizlivelli u hofor fit-triq, m'humiex bizzejjed **wahedhom u fl-assenza ta' ebda konfort minn provi ohrajn**, biex jikkostitwixxu prova tad-difiza tal-imputat sal-grad tal-probabbli. Wara kollox, l-espert tekniku kkostata illi t-*tyre*s tal-vettura misjuqa mill-imputat kienu lkoll instabu f'kundizzjoni tajba u ghalhekk m'huwiex mistenni li *tyre*s f'kundizzjoni tajba jinfaqghu kif gieb u lahaq jew minhabba xi dizlivell jew xquq hfief fit-tarmac tat-triq.

Il-Qorti tosserva ulterjorment illi l-vettura li kienet misjuqa mill-imputat giet rilaxxata lis-siehba tieghu Natasha Grima[25] inqas minn xaharejn wara l-incident, permezz ta'

---

[24] Dok. TDM1 sa TDM3.
[25] Ara xhieda ta' Natasha Grima quddiem l-espert Dr. Mario Buttigieg fit-2 ta' Mejju 2018 – fil- 52 u 53 tal-*proces-verbal*.

digriet moghti mill-Magistrat Inkwirenti fit-18 ta' Gunju 2018[26], u ghalhekk, l-imputat kellu kull opportunita` li jhejji d-difiza tieghu b'mod effettiv billi jikseb prova teknika biex jissostanzja t-tezi tieghu dwar it-*tyre* u dwar id-dinamika li wasslet ghall-kollizzjoni. Izda l-imputat ma ghamel xejn minn dan. Il-Qorti rinfaccjata bil-konkluzjonijiet teknici tal-espert mahtur fl-istadju tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta, tqis li l-imputat ma sehhlux jeghleb il-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni u jipprova d-difiza tieghu ta' *casus*, sal-grad tal-probabbli.

Ikkunsidrat;

F'dan kollu, il-Qorti tirravviza htija fl-imputat ghar-reat taht l-Artikolu 225 tal-Kap. 9 kif ukoll ghar-reat taht l-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 kif addebitat lilu fit-tieni imputazzjoni stante illi, kif appena stabbilit, huwa ppruvat fil-grad li tehtieg il-ligi li l-imputat saq il-vettura CBZ-801 b'imprudenza, nuqqas ta' hsieb, traskuragni u kif ukoll bi ksur tar-regolamenti u li dan is-sewqan kien l-unika kawza prossima tal-kollizzjoni mal-vettura GAQ-302 u wassal ukoll direttament ghall-mewt ta' Carmelo Tornabene. Madanakollu, kwantu ghall-piena ghar-reat addebitat fit-tieni imputazzjoni, din ghandha tkun assorbita fil-piena ghar-reat l-iktar gravi taht l-Artikolu 225(1) tal-Kapitolu 9, u dan bl-applikazzjoni tal-principju tal-konkorrenza formali tar-reati galadarba l-istess att kriminuz jikser diversi dispozizzjonijiet tal-ligi.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghat-tielet imputazzjoni, il-Qorti tqis li din giet debitament ippruvata galadarba ngiebet il-prova permezz tar-relazzjoni taz-zewg esperti teknici mahturin fl-istadju tal-*proces-verbal* tal-Inkjesta[27], illi l-vettura Fiat Seicento appartenenti lil Carmelo Tornabene garrbet hsarat estensivi ferm tant illi giet meqjusa bhala *beyond economical repair*[28]. Huwa minnu illi m'hemm ebda prova dwar il-*quantum* tal-hsarat

[26] Fol. 15 tal-*proces-verbal*.
[27] Il-Perit Richard Aquilina u Dr. Mario Buttigieg – Dok. RA u Dok. MB rispettivament.
[28] Ara wkoll ritratti formanti parti mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri.

li garrbet il-vettura GAQ-302 u lanqas dwar il-valur fuq is-suq tal-vettura in kwistjoni, izda din il-prova m'hijiex rikjesta ghall-finijiet tal-Artikolu 328 tal-Kap. 9.

Kwantu ghall-piena, isib applikazzjoni is-subinciz (a) tal-Artikolu 328 li jipprovdi li jekk minħabba l-hsara involontarja ikkagunata mill-hati, tiġri l-mewt ta' persuna, il-piena tkun dik stabbilita fl-Artikolu 225 tal-istess Kap. 9. Diga` gie stabbilit li l-imputat huwa hati tar-reat taht l-imsemmi Artikolu 225(1) u ghaldaqsant, il-piena ghar-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni hija assorbita f'dik taht l-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Dwar il-piena, il-Qorti tibda biex tosserva illi taqbel li s-sentenza ta' prigunerija ma ghandhiex titqies li hija mizura opportuna jew indikata fil-kaz ta' offizi involontarji f'incidenti tat-traffiku fejn ikun gie ravvizat biss ksur tar-regolamenti tat-traffiku jew fejn is-sewqan impunjat ikun wiehed imprudenti. F'dawn il-kazijiet - diversament minn sewqan perikoluz jew bla kont - u fejn is-sewqan impunjat ma jhallix konsegwenzi gravi fuq il-vittma, piena pekunjarja tkun iktar idonea. Izda fejn jikkonkorru l-estremi tas-sewqan traskurat, sewqan bla kont u sewqan perikoluz, jew fejn il-konsegwenza fuq il-vittma tkun il-mewt, il-Qorti thoss li l-piena karcerarja ma tistax titqies b'mod generali bhala wahda mhux idoneja u kull kaz ghandu jigi aggudikat fuq il-mertu proprju tieghu.

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**, deciza fl-1 ta' Marzu, 2012, ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet dwar il-kriterji li jridu jigu meqjusa mill-gudikant meta jigi biex jeroga l-piena:-

"*Din il-Qorti tirrileva illi fil-waqt li piena errogata hija fil-parametri tal-Ligi, il-Qorti m'hijiex avversa ghat-talba ta' l-appellant illi din il-piena tigi b'xi mod varjata. Din il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-eta' tenera ta' l-appellant fil-gurnata ta' l-incident.*

*Incident sfortunat, fejn veru tilef hajtu Clifford Micallef kawza ta' sewqan esagerat ta' l-appellant, liema sewqan huwa aktar attibwit lejn l-inesperjenza taz-zghozija milli ghal xi tendenza tal-kriminalita` ta' l-appellant. L-appellant ghandu fedina penali nadifa u jidher li din hija l-ewwel darba li kiser difru mal-Ligi, mhux il-kaz li jintbaghat il-habs sabiex jirriforma ruhu. Ma jidhirx li hemm xi haga x'jigi riformat u ma hemmx dubju illi l-konsegwenzi tas-sewqan tieghu ser ikunu rimors ghalih li jrid jibqa' jghix bih tul hajtu kollha. Din hija piena fiha nnifisha u l-ebda perjodu l-habs ma jista jikkancella dan il-fatt. F'kazijiet ta' omicidju involontarju l-Qrati taghna kienu dejjem lesti jikkundanaw l-azzjoni imma meta tigi sabiex tikkundanna l-persuna, dejjem raw ic-cirkostanzi partikolari ta' dak li jkun u kemm il-persuna kienet propensa lejn il-kriminalita jew ma kinetx.*"

Il-Qorti taqbel illi l-piena li ghandha tigi erogata trid tiehu kont tac-cirkostanzi kollha li jsawru l-kaz, jigifieri dawk tal-hati, dawk tal-vittmi, kif ukoll l-interessi tas-socjeta` li tesigi li l-hati jaghmel tajjeb ghal dawk l-azzjonijiet lezivi tal-ligi kriminali kommessi minnu u li jimmininaw is-serenita` generali tas-socjeta` in generali. Il-Qorti hija wkoll tal-fehma li l-piena ghandha wkoll tigi kalibrata skont il-grad tal-kolpa riskontrata fl-agir kriminuz tal-imputat: f'dan il-kaz, skont kif jirrizulta mill-provi, l-imputat saq bi traskuragni kbira.

Fl-assjem ta' dawn il-fatturi kollha, il-Qorti hija tal-fehma illi, ghad il-kondotta tieghu kienet ta' natura involontarja, il-grad ta' imprudenza u traskuragni li mmanifesta l-imputat fis-sewqan tieghu u r-riskju li holoq ghall-utenti l-ohra tat-triq, tant li s-sewqan tieghu wassal biex hataf il-hajja ta' persuna li kien ghad kellha biss 29 sena, ma jisthoqqilux piena pekunjarja. Madanakollu, fl-istess waqt, thoss li ghandha tqis ukoll li dan l-incident, ghad wiehed tragiku, kien ukoll wiehed izolat u sfortunat, u ma jirrizultax li huwa xi kaz ta' agir ripetut jew kaz fejn l-incident sehh meta l-imputat kien jinsab taht l-influwenza tax-xorb jew sustanzi illegali. Ma giex muri li l-imputat huwa persuna moghti ghall-kriminalita` ghaliex il-fedina penali tieghu hi wahda kwazi kompletament netta. Jirrizulta wkoll li l-imputat ghandu impjieg u hajja stabbli.

Fir-rigward, issir referenza wkoll ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antoine Cassar**, deciza fit-22 ta' Settembru 2009, fejn intqal hekk in propositu:-

"*Din il-Qorti taqbel mal-hati illi m'hemm xejn x'juri illi hu xi minaccja ghas-socjeta`, l-anqas li hemm bzonn ta' xi tip ta' riforma fil-karattru tieghu jew li hu xi persuna ta' kondotta vjolenti. Il-kondotta tieghu fil-fatt hi wahda netta. Mill-banda l-ohra, fl-istess sentenza ccitata mill-hati, cioe` Ir-Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef, intqal ukoll li wiehed mill-iskopijiet tal-piena hu li fil-kaz ta' reati gravi "is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali." Fil-fatt il-messagg li jrid jintbaghat f'kazijiet bhal dak in ezami hu li l-hajja mhijiex irhisa u li t-tehid ta' hajja anke involontarjament ghandu jitqies bhala xi haga serja u gravi.*"

Il-Qorti temmen li biex issir gustizzja f'dan il-kaz, ma jidhrilhiex illi ghandha tmur ghall-estremi tal-Ligi u tapplika l-piena ta' prigunerija effettiva, izda hija tal-fehma li ghandha teroga piena ta' prigunerja ghal terminu li ghandu jigi sospiz, u dan sabiex tinstawra fl-imputat l-gharfien illi eghmilu kien wiehed kriminuz u b'hekk jahsibha sew qabel jerga' jagixxi b'agir kriminuz.

Wara kollox, kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Kevin Ellul**, deciza fis-6 ta' Frar 2013 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:-

"*Issa bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet Il-Pulizija v. Maurice Agius moghtija fit-13 ta' Novembru 2009, "*is-sentenza ta' prigunerija sospiza mhix, kif jahsbu xi whud, a let off jew semplicement *a slap on the hand*. Min ikun gie kkundannat ghal piena ta' prigunerija sospiza jrid ikun, matul il-perijodu operattiv taghha, kif jghid il-Malti, '*imqarar u mqarben*', ghax appena huwa, matul dak il-perijodu, jikkommetti xi reat iehor li ghalih hemm stabbilita piena ta' prigunerija, meta jinstab hati ta' dak ir-reat l-iehor tigi attivata l-piena ta' prigunerija li tkun giet

hekk sospiza, u dak li jkun ikollu allura jibda jiskontaha.*" Il-ligi ma teskludix il-possibilita` li tinghata sentenza sospiza ta' prigunerija anke fejn ikun gie kommess reat involontarju, u lanqas fejn si tratta ta' first time offender. F'dan il-kaz, jinghad ukoll illi l-fedina penali ta' l-appellant/l-appellat kienet u ghadha sallum wahda netta.*" [enfasi tal-Qorti]

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 30, 225(1) u 328(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 15(1)(a) u (2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil TERENCE DENNIS MCKENNA hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah tmintax (18)-il xahar prigunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidholx fis-sehh hlief jekk, matul il-perijodu ta' tliet (3) snin mil-lum, il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta' prigunerija.**

**Ghall-finijiet tal-Artikolu 15(1)(a) u 15(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati wkoll ghall-hlas ta' multa ta' elf u mitejn Euro (€1,200) u tordna li jiġi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb liċenza tas-sewqan għal żmien sena mil-lum.**

**B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti b'zieda mal-piena, tikkundanna lill-hati jhallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' elfejn tliet mija u tmienja u disghin Euro u tlieta u disghin centezmu (€2,398.93)[29].**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tieghu taht**

---

[29] €384.92 - Dok. RA; €528.51 – Dok. MTS; €743.40 – Dok. MB; €742.10 Dok. MS

**l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta` prigunerija.**

**DR RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**